MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2014

Rikors Numru. 1110/2013

**Joanne Borg (K.I. Nru. 430075M)**

**-vs-**

**Jesmond Tabone (K I Nru 420265(M)**
**u b’digriet tat-12 ta’ Dicembru 2013,**
**d-Direttur Registru Pubbliku,**
**gie kjamat in kawza**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti ta’ Joanne Borg tat-3 ta’ Lulju 2013, li jaqra hekk:

*“Illi hija kienet mizzewga lill-intimat Jesmond Tabone, legalment separata minnu permezz ta’ sentenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili tat-tlieta (3) ta’ Ottubru elfejn u tlieta (2003) u liema zwieg gie sussegwentement annullat u rregistrat fir-Registru Pubbliku fil-hmistax (15) ta’ Gunju elfejn u sebgha (2007).*

*Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, fosthom Nicolai Tabone, illi twieled nhar it-tnejn (2) ta' Novembru, elf disa' mija sebgha u disghin (1997) (Ara certifikat ta' twelid anness u mmarkat bhaia Dok 'A');*

*Illi ghalkemm fuq 1-istess certifikat ta' twelid il-minuri jinsab irregistrat bhala Nicolai Tabone, tul hajtu, 1-istess minuri kien dejjem maghruf fil-hajja socjali tieghu b'kunjom xbubit ommu mizjud ma dak ta' missieru u cioe bhala Nicolai Tabone Borg;*

*Illi hija x-xewqa ta' omm il-minuri, r-rikorreni, illi 1-minuri jkollu kunjom missieru segwit minn dak ta' ommu, u cioe jkun jismu Nicolai Tabone Borg;*

*Illi r-rikorrenti tixtieq li taghmel dan b'mod ufficjali ai termini tal-artikolu 4(3) tal-Kapitolu sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta, u dan billi tipprezenta l-form hl-ittra 'T' li tinsab fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta lill-Ufficcju tar-Registru Pubbliku;*

*Illi 1-iskema li thalliha taghmel dan taghlaq nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju, elfejn u tlettax (2013), wara liema data mhux ser jithallew isiru emendi simili fil- kunjom tal-minuri;*

*Illi stante l-fatt illi l-wild ghadu minorenni, 1-istess formola tehtieg l-firem taz-zewg genituri;*

*Illi missier il-minuri, 1-attur, qatt ma wera' interess f'ibnu, tant illi 1-intimat ma jkellemx lil ibnu anke jekk jiltaqa' mieghu barra, u m'hemm 1-ebda formata' kuntatt bejn il-missier u 1-iben;*

*Illi r-rikorrenti lanqas ma ghandha kuntatt mal-intimat u ma tafx fejn jirrisjedi;*

*Illi stante n-natura ta' dawn ic-cirkosanzi, r-rikorrenti tixtieq illi tinghata 1-permess minn din 1-Onorabbli Qorti sabiex tkun tista 1-istess formola 'T' surriferita wahedha minghajr l-firma tal-intimat;*

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, ir-rikorrenti umilment titlob lil din 1-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. Tezenta lir-rikorrenti mill-obbligu tan-notifika stante 1-fatt illi m'hijiex edotta minn informazzjoni fuq fejn qieghed jirrisjedi 1-intimat;*

*2. Tezenta lir-rikorrenti mill-obbligu tal-hatra ta' kuraturi deputati fir-rikors promutur sabiex tkun tista tiehu 1-passi necessarji stante 1-fatt illi 1-iskema surriferita taghlaq nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju, elfejn u tlettax (2013);*

*3. Tawtorizza lir-rikorrenti tiffirma 1-formula 'T' li tinsab fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ai termini ta' artikolu numru 4(3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta wahedha, minghajr il-htiega tal-firma tal-intimat;*

*4. Tawtorizza lill-esponenti izzid kunjomha ma' dak tal-minuri sabiex il-minuri Nicolai ikun kunjomu Tabone Borg;*

*5. Tordna d-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fi zmien imholli ghal daqsekk, jirregistra l-bdil fil-kunjom tal-minuri;*

*Salv kull provvediment iehor li dina 1-Onorabbli Qorti joghgobha taghti."*

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Lulju 2013;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta'Lulju 2013;

Rat id-digriet taghha tas-16 t'Awwissu 2013;

Rat l-avviz tal-Gazzetta tal-Gvern tat-20 t'Awwissu 2013 ghan-notifika tal-intimat Tabone fl-istess Gazzetta tal-Gvern;

Rat in-nota tal-10 t'Ottubru 2013 ta' Joanne Borg illi bih ezebit estratt tal-publikazzjoni fil-Gazzetti Lokali, Times of Malta tat-2 t'Ottubru 2013 u tal-Gazzetta tal-Gvern;

Rat illi l-atti tar-rikors promotorju u tal-avviz tas-smiegh ghat-Tlieta 10 ta'Dicembru 2013 gew debitament notifikati lill-intimat Jesmond Tabone skond il-ligi bil-procedura tal-affissjoni fis-26 ta'Novembru 2013, bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fit-26 ta'Novembru 2013 u fil-Gazzetta Lokali fid-29 ta'Novembru 2013;

Rat id-digriet tat-12 ta' Dicembru 2013 illi bih gie kjamat in kawza d-Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat illi l-atti tar-rikors promotorju, digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lid-Direttur tar-Registru Pubbliku skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku tas-27 ta' Dicembru 2013 li taqra hekk:

*1." Illi preliminarjament, qabel is-smiegh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern tal-inqas hmistax-il gurnata qabel is-smiegh tal-kawza a tenur tal-**Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;*

*2. Illi peress li din l-azzjoni tirrigwarda direttament 1-kunjom li ser jassumi 1-minuri Nicolai Tabone, 1-esponent huwa tal-umli fehma li Nicolai Tabone ghandu jigi kjamat fil-kawza u jinhatar kuratur deputat sabiex jissalvagardja 1-interessi tal-istess minuri;*

*3. Illi bla hsara ghal fuq espost, u fuq il-premessa li tali azzjoni qed tigi ibbazata fuq 1-**Artikolu 4(3) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, 1-esponenti jirrileva li z-zmien sabiex persuna tuza il-Formula T biex izzied kunjom xbubit ommha mal-kunjom ta' missierha spicca fit- 23 ta' Lulju 2013. Ghalhekk it-talba numru 3 fir-rikors promotur hija insostenibbli;*

*4. Illi madanakollu, ir-rikorrenti tista, jekk trid, titlob 1-awtorizzazzjoni lil din 1- Onorabbli Qorti sabiex il-premessi tal-azzjoni taghha jigu mibdula b'mod li jinkwadraw ruhhom taht il-parametri msemmija fl-**Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** u cioè li:*

*a. t-talba tar-rikorrenti kif imnizz1a fir-rikors guramentat tigi korretta u b'hekk titlob lil din 1-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li 1-minuri Nicolai Tabone kien konsistentement imsejjah u maghruf bil-kunjom "**Tabone Borg"**u mhux bil-kunjom ta' "**Tabone**";*

*b. gialadarba 1-kunjom **Tabone** indikat fl-att tat-twelid tal-minuri huwa kunjom missierhu u gialadarba wkoll li 1-kunjom **Borg** huwa fil-fatt kunjom xbubit ommu, 1-esponenti titlob li ssir <u>annotazzjoni</u> fis-sens li fejn jidher ismu fl-att tat-twelid numru 4392/1997, jigi mizjud il-kliem **'maghruf bhala Nicolai Tabone Borg**;*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, 1-esponent umilment jirrileva li, kif hekk jesigi 1-**Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, maghdud mad-dokumenti esibiti flimkien mar-rikors guramentat, ir-rikorrenti trid tressaq <u>xhieda affidabbli viva voce jew tipprezenta affidavits</u> li ghandhom jikkonfutaw it-tezi taghha ossia li tul hajtu 1-minuri Nicolai kien konsistentement maghruf bhala Nicolai Tabone Borg;*

*6. Illi subordinatament ghal dak li jikkoncerna mal-meritu ta1-kawza odjerna, 1- esponent mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din 1-Onorabbli Qorti;*

*7. Illi bla preudizzju ghal premess, 1-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz 1-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' 1-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;*

*8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*B1-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat ir-rikors ta' Joanne Borg tat-13 ta' Jannar 2014 illi permezz tieghu ir-rikorrenti talbet illi tinghata awtorizzazzjoni taghmel korrezzjoni fir-rikors promutur taghha billi zzid is-segwenti talba ma dawk li jinsabu fir-rikors promutur taghha u cioe':

*1. "Titlob illi fin-nuqqas illi din 1-Onorabbli Qorti ma tilqax it-talbiet kif dedotti, diddikjara illi 1-minuri Nicholai Tabone tul hajtu kien dejjem maghruf bhala Nicholai Tabone Borg u wkoll hekk imsejjah, u tordna d-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fi zmien imholli ghal daqsekk. jirregistra 1-annotazzjoni relattiva fl-Att ta' Twelid tal-minuri Nicholai Tabone;"*

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Illi din il-kawza tirrigwarda talba da parti tar-rikorrenti Joanne Borg sabiex wara il-kunjom ta' binha Nicolai Tabone jizdid il-kunjom taghha ta' xbubitha Borg, u dan ai termini tal-Artikolu 4(3) tal-Kapitolu 16.

Mill-provi imressqa jirrizulta illi r-rikorrenti kienet izzewget lill-intimat Jesmond Tabone fis-26 t'Ottubru 1994 u minnu kellha zewgt itfal u cioe' Valentina u Nicolai Tabone. Illi rikorrenti sseparat minn ma zewgha, u sussegwentement iz-zwieg taghha gie dikjarat null mit-Tribunal Metropolitan tal-Arcidjocesi ta' Malta fil-21 ta' Frar 2007 u skond s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta' Gunju 2007 – vide sentenza tal-Qorti tal-Appell Dok. A, fol. 46 et seq.

Illi di piu' uliedha Valentina u Nicolai dejjem kienu maghrufa bhala Tabone Borg. Tant huwa hekk illi l-ewwel karta tal-identita' ta' Nicolai u cioe' ta' meta kellu erbghatax (14)–il sena kienet iggib il-kunjom ta' Tabone Borg – vide Dok. JBX1 a fol. 40 waqt illi l-karta tal-identita' ufficcjali ta'bintha Valentina hija bil-kunjom ta' Tabone

Borg kif tidher minn Dok. JBX2 a fol.41. Ir-rikorrenti kkonfermat illi kien biss meta binha Nicolai wasal biex japplika ghall-ezamijiet illi l-awtoritajiet waqqghu il-kunjom Borg. Illi meta marret fl-*adjustment section* tar-Registru Pubbliku, bintha Valentina li kellha 'l fuq minn tmintax (18)-il sena setghet tiffirma ghaliha nnfisha, izda Nicolai ma setghax. Ir-rikorrenti xhedet illi hija m'ghandha ebda kuntatt ma missier it-tfal taghha 'l ghaliex dan kien abbanduna t-tfal tieghu , ma jhallasx manteniment u ma jarax lill-ibnu minkejja illi l-Qorti kienet akkordatlu *supervised access* fl-Agenzija Appogg darba f'gimgha. Ir-rikorrenti xhedet illi l-ahhar darba illi Nicolai ra lill-missieru kien meta kellu disa' (9) snin.

Il-minuri Nicolai xhed illi huwa kien dejjem maghruf bhala Nicolai Tabone Borg u dan minn mindu kien zghir, kemm fl-iskejjel kif ukoll ma shabu. Ikkonferma illi kien ilu hafna ma jara lill-missieru, u li jekk missieru jarah fit-triq, missieru ma jkellmux.

Mistoqsi mill-Qorti kif jixtieq jigi indirrizzat u maghruf, il-minuri Nicolai kkonferma: "*jien Tabone Borg ...ghax ili Tabone Borg minn meta kont zghir*."– vide fol. 43.

**Ikkonsidrat:**

L-attrici fic-cirkostanzi fuq indikati xtaqet tinvoka l-Artikolu 4(3) tal-Kapitolu 16, sabiex permezz ta' formola 'T' isir l-adgustament necessarju fil-kunjom ta' binha Nicolai.

L-Artikolu 4(3) jiddisponi:

***"4 (3) Ulied iż-żwieġ jieħdu kunjom missierhom, li warajh jistgħu jiżdiedu, skont l-artikolu 292A, kunjom xbubit ommhom jew kunjom żewġha li jkun miet qabilha: Iżda, fil-każ ta' ulied iż-żwieġ li twieldu qabel is-7 ta' Awwissu 2007, huma jkunu jistgħu jżidu kunjom xbubit ommhom jew kunjom żewġha li miet qabilha wara l-kunjom ta' missierhom jekk kemm–il darba huma jissottomettu l-Formula T li tinsab fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' din il-Kodiċi lill-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku, liema formula***

***għandu jkun fiha dikjarazzjoni li fil-ħajja soċjali tagħhom huma żiedu u użaw kunjom xbubit ommhom jew kunjom żewġha li miet qabilha wara l-kunjom ta' missierhom li jkunu assumew mat-twelid tagħhom. Din id-dikjarazzjoni ma tkunx tista' ssir wara li tgħaddi sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-provvediment u meta din il-formula tkun ġiet mgħoddija lill-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku, id-Direttur għandu jniżżel annotazzjoni ta' din id-dikjarazzjoni f'kull att tal-istat ċivili tal-persuna li tkun hekk għamlet dik id-dikjarazzjoni. Din id-dikjarazzjoni magħmula permezz tal-Formola T għandha tkun irrevokabbli."***

Ghalkemm mid-daqqa t'ghajn jidher illli l-adgustament setgha jsir b'mod amministrattiv u minghajr intervent mill-Qrati, l-Artikolu 4(8) tal-Kapitolu 16 jippostula ostaklu ghal dan  fid-dawl tac-cirkostanzi specjali tal-kaz in ezami .

Dan qieghed jinghad l'ghaliex is-subinciz tmienja (8) tal-istess Artikolu tal-Kapitolu 16, jiddetermina illi **fejn si tratta ta' tfal taht l-eta ta' tmintax (18)–il sena**, d-dikjarazzjoni necessarja permezz tal-formola 'T', **ghandha ssir mill-genituri** jew f'kaz tal-mewt tal-genitur jew genituri minn tutur jew kuratur.

Illi ghalhekk huwa car illi l-Legislatur Malti gharaf li  jaghti il-fakolta' ghall-adgustament amministrattiv tal-kunjom tat-tfal minuri, **meta tali dikjarazzjoni tkun iffirmata miz-zewg genituri** hlief meta si tratta ta' genitur jew genituri defunti fejn allura d-dikjarazzjoni tkun trid tigi  ffirmata minn tutur jew kuratur.

Il-Legislatur Malti, fil-Klawsola 4(8) tal-Kapitolu 16, ma inkludiex fost ic-cirkostanzi mahsuba, kaz ta' separazzjoni personali, kaz t'annnulament, jew kaz t' abbandun da parti ta genitur u ghaldaqstant din il-Qorti hija prekluza milli tinkludi dawn ic-cirkostanzi l'ghaliex il-Legislazzjoni qedgha f'idejn il-Parlament u mhux f'idejn il-Gudikatura.

Gialadarba l-annulament m'huwiex cirkostanza inkluza fl-Artikolu 4(8) tal-Kapitolu 16 il-Qorti hija ukoll prekluza milli tahtar kuratur.

Illi dan l-adgustament fil-kunjom pero jista' isir permezz tal-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 li jipprovdi:

***"253. (1) Kull persuna tista' tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet jew tħassir ta ' registrazzjoni , jew għar - reġistrazzjoni ta' att illi d-Direttur, bil-kunsens tal-Imħallef irtirat jew Maġistrat irtirat jew avukat irtirat tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, ikun irrifjuta li jirċievi.***

***(2) Kull persuna tista' tagħmel talba ġudizzjarja għar-reġistrazzjoni ta' l-isem jew ismijiet, liema isem jew ismijiet il-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha, u liema jkunu ddikjarati mill-qorti li huma l-isem jew l-ismijiet li bihom il-persuna kienet konsistentement imsejħa, minflok l-isem jew l-ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv bħala l-isem jew l-ismijiet mogħtija u l-isem jew l-ismijiet li bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa:***

***Iżda, t-talba ġudizzjarja msemmija f'dan is-subartikolu m'għandhiex issir meta l-isem jew l-ismijiet li l-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha jkunu biss verżjoni imqassra jew abbrevjazzjoni tal-isem jew ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv.***

***(2A) Meta, fiċ-ċirkostanzi msemmija fid-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) l-isem jew ismijiet li l-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha ma jkunux proprjament isem jew ismijiet differenti iżda verżjoni tradotta f'lingwa Ewropea oħra tal-istess isem jew ismijiet li jkunu reġistrati fl-att tat-twelid, u l-użu ta' dak l-isem jew ismijiet tradotti jkun jirriżulta jew minn att tal-istat ċivili ieħor ta' dik il-persuna jew minn dokument ta' identifikazzjoni***

***legalment validu jew passaport Malti li jkun maħruġ lilu qabel il-31 ta' Diċembru 2011, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, fuq talba bil-miktub li trid tkun sostnuta b'dikjarazzjoni maħlufa magħmula mill-persuna kkonċernata, jista' wara li huwa jkun sodisfatt bil-korrettezza u bil-veraċità ta' dik it-talba u d-dikjarazzjoni maħlufa, jipproċedi billi jdaħħal annotazzjoni li tirrifletti dak il-bdil tal-isem jew ismijiet fl-atti tal-istat ċivili li jkunu jmissu lil dik il-persuna.***

***(3) It-talba ġudizzjarja msemmija fis-subartikolu (2) għandha tinkludi talba biex il -bdil effettwat fl-att tat-twelid bir-reġistrazzjoni msemmija f'dan is-subartikolu jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili relattiv għall-istess persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna; liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattivi tagħhom.***

***(4) Kull talba għandha ssir fil-qorti kompetenti b'rikors ġuramentat kontra d-Direttur.***

***(5) F'kull talba bħal din, id-dikjarazzjoni msemmija fl-artikolu 158(4) u (5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tista' wkoll tiġi konfermata bil-ġurament minn kull uffiċjal imsemmi fl-artikolu 306(1) jew (4).”***

**Ikkonsidrat:**

Illi din il-Qorti hija sodisfatta mill-provi migjuba quddiemha illi, l-minuri Nicolai kien minn dejjem maghruf bhala Tabone Borg, kif del resto hija maghrufa ohtu. Dan jirrizulta ampjament mhux biss mix-xhieda tar-rikorrenti u tal-istess minuri Nicolai, izda jirrizulta mill-karta tal-identita' ta' oht Nicolai u cioe' Valentina li hija ndikata bil-kunjom Tabone Borg, (vide Dok. JBX2 a fol. 41), kif ukoll minhabba illi l-karta tal-identita' tal-istess Nicolai Borg meta kellu erbghatax (14)–il sena, turi illi il-minuri huwa indikat bil-kunjom ta' Tabone Borg, (vide Dok. JBX1 a fol. 40).

Ghaldaqstant ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-ewwel u tieni eccezzjoni u takkolji mit-tielet sas-seba' eccezzjoni tal-kjamat in kawza d-Direttur tar-Registru Pubbliku, tichad l-ewwel hames talbiet tar-rikorrenti stante li huma insostenibbli kif fuq intqal, izda tilqa' s-sitt talba kif awtorizzata permezz tad-digriet ta' din il-Qorti tal-24 ta' Jannar 2014, tiddikjara illi l-minuri Nicolai Tabone tul hajtu kien konsistentement imsejjah u maghruf bil-kunjom Tabone Borg u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel l-annotazzjoni mehtiega fl-att tat-twelid tal-minuri Nicolai Tabone li jgib in-numru 4392/1997, fis-sens li jizdiedu l-kliem "maghruf bhala Nicolai Tabone Borg".

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------